NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Għawdex*

Settembru - Ottubru 2008 Nru 164

University of Malta Melitensia Main Library

# "SAN ĠORĠ BAŻILIKA"









## Ħamsin sena mill-għajta...

Għaddew ħamsin sena... u qisu l-bieraħ li San Ġorġ tagħna kien fuq fomm l-Għawdxin kollha minħabba fil-ġieħ il-ġdid ta' bażilika li stagħna bih. Imma l-qlub li kienu l-aktar imfawra bil-ferħ dak in-nhar kienu ta' missirijietna, ulied ta' din il-parroċċa maħbuba tagħna. Min iżjed minnhom kien jaf xi tfisser il-bażilika? Huma kienu missew b'idejhom u b'għaraq ġbinhom l-aħħar ġrajjiet tat-tempju sabiħ tagħhom, u thennew tabilħaqq

> "Il-jum tal-5 ta' Ottubru 1958 kien il-bidu ta' kapitlu ġdid fil-ġrajjiet sbieħ tal-parroċċa tagħna."

meta issa lil din il-knisja, li isimha kien wisq marbut mal-ħajja ta' kuljum tagħhom u li fittxew li jħarsuha anki fl-aktar żminijiet iebsa, raw jingħatalha dan it-titlu mill-Vigarju ta' Kristu nnifsu. Aktarx li ħadd iżjed minnhom, u għalhekk bilkemm aħna l-lum, ma jista' jifhem x'tifsira kbira kellhom dawk il-ġrajjiet kbar ta' l-1958.

Imma l-lum hu d-dmir tagħna li niċċelebraw din l-istorja, li kompliet tqiegħed isem il-parroċċa tagħna fuq l-ogħla pedestall. Niċċelebraw it-tifkira ta' nies kbar, bħall-papa Piju

...jissokta f'paġna 3.

F'din il-ħarġa

San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (5) 4

Pjazza ġdida għal San Ġorġ 7

L-Imsida MSD 2080 Malta



Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, VCT 1100, Għawdex.
Tel: 21 556 377 • Fax: 21 556 981
email: ilbeltvictoria@gmail.com
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104FM Mhz

### Membri ġodda fil-komunità parrokkjali

| | |
|---|---|
| 09/08/2008 | **Mailey**, bint Mario Ballucci u Sonia Caruana |
| 28/09/2008 | **Michaela**, bint Joseph Zammit u Simone Saliba |
| 28/09/2008 | **Gianluca**, bin Ino Mario Abela u Edwina Mercieca |
| 05/10/2008 | **Brooke**, bint Karol Mifsud u Amanda Buttigieg |
| 05/10/2008 | **Keith**, bin Daniela Xerri u Justin Zammit |

### Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ

| | |
|---|---|
| 22/08/2008 | **Morena Farrugia** u **Robert John Muscat** |
| 23/08/2008 | **James Manning** u **Niamh Balfour** |
| 30/08/2008 | **Ritianne Attard** u **Daniel Cilia** |
| 20/09/2008 | **Francene Tabone** u **Antonio Mercieca** |
| 27/09/2008 | **Georgene Sacco** u **Ryan Xuereb** |
| 04/10/2008 | **Lesley Anne Attard** u **Jason Attard** |

### Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

| | |
|---|---|
| 21/10/2008 | **Anthony Xuereb** |

**Nifirħu lil**
Mariella Spiteri, membru tal-kor *Laudate Pueri*, li għadha kemm kisbet diploma fit-Teorija tal-Mużika (LMus LCM).

**Nilqgħu lil**
Franklin Vella, seminarista mill-parroċċa tax-Xewkija, li ġie assenjat biex jgħin fil-ħidma pastorali tal-parroċċa tagħna tul is-sena pastorali li qed tibda. Franklin għadu kemm ġie lura mis-sena intermedjarja tiegħu fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, u issa beda l-ħames sena ta' formazzjoni fis-Seminarju ta' Għawdex.

**Insellmu lil**
Carmelo Tabone, kollaboratur fil-parroċċa li għal bosta snin kien membru attiv fil-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u fil-Fratellanza tal-Kurċifiss, li miet it-Tlieta 2 ta' Settembru 2008.

**Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom**
Martha Farrugia (Awstralja) – €50
George Schembri (Awstralja) – Aust. $50
Francesco Spiteri (Stati Uniti) – €40

**www.stgeorge.org.mt**

# Editorjal

**Il-fidi**
Il-karattru tal-bniedem u l-ħajja tiegħu huma minsuġa fuq l-esperjenzi tal-ħajja, maħsuba mill-pjan ta' Alla għal kull wieħed u waħda minna. Ħafna drabi, l-aktar f'dawk il-mumenti li f'għajnejn il-bnedmin jidhru diffiċli u negattivi, aħna nistgħu biss naffrontaw u ngħixu l-mument, għalkemm ma nifhmux għaliex dan Alla, li hu Mħabba, qed "jippermetti" il-ħażen fid-dinja. Forsi hu għalhekk li s-simbolu tal-Kristjani hu s-Salib, għax is-Salib jirrappreżenta l-fidi, u l-fidi hi msejsa fuq il-Kelma, li Ommna l-Knisja tiggwidana fit-triq tagħha.

**It-taqbida t-tajba**
Spiss il-qawwiet li jiddeterminaw jew jinfluwenzaw il-ħajja tal-bniedem huma l-irwiefen li jħabbtuha mal-valuri u l-prinċipji Kristjani, mal-valuri soċjali tagħna u mad-drittijiet ċivili ta' kull wieħed u waħda minna. Ħafna drabi nħossu li l-inizjattivi ġenwini li nieħdu fil-ħajja tagħna jisfaw mhedda mill-qawwiet tal-ħażen. Il-Knisja, flimkien mal-qawwiet kollha tat-tajjeb, għandha aktar minn qatt qabel issemma' leħinha bis-saħħa. Dan il-ġurnal, f'kuntest parrokkjali u ekkleżjali wiesa', sa jkompli jkun parteċipi f'dan it-tiftix tal-verità. Hu f'dan id-dawl u b'dawn l-għajnejn li għandna naraw u ngħixu l-inizjattivi li l-Knisja tipproponilna. Ma nistgħux ma nirriferux għall-Missjoni Djoċesana fil-gżira tagħna, mument ta' grazzja u evanġelizzazzjoni.

**Il-rebħa tat-Tajjeb**
Il-bniedem hu mxennaq għall-verità, li tgħinu jgħix f'relazzjoni mal-Ħallieq u mal-ħolqien kollu; għal veritajiet li jsostnuh fil-widien mudlama u fl-irwiefen qawwija. Il-papa Benedittu XVI fl-omeliji tiegħu jirriferi għar-rwol tal-Knisja fis-soċjetà ċivili, rwol li f'sintesi hu li twassal dawn il-veritajiet universali mingħajr biża' u b'determinazzjoni; veritajiet li, għax universali, huma ta' ġid għalina lkoll.

Jalla f'dak kollu li nagħmlu u nwasslu għat-tmiem inkunu nistgħu nagħmlu tagħna dak li stqarr Missierna San Pawl fl-ittra tiegħu lil Timotju: "Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja tiegħi, ħarist il-fidi. Issa hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja li jagħtini f'dak il-jum il-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux biss lili, imma lil dawk kollha li jkunu stennew bl-imħabba d-dehra tiegħu" (2 Tim 4:7-8).



Il-Librar L-Università ta' Malta

# *Messaġġ mill-Arċipriet*
## Mons. Pawlu Cardona
cardonapaul@gmail.com




## Is-sejħa tagħna: il-Qdusija

Nhar is-Sibt l-1 ta' Novembru hija s-solennità tal-Qaddisin kollha, ġurnata li fiha niċċelebraw is-sejħa universali għall-qdusija, sejħa promossa mill-Moviment *Pro Sanctitate* u kkonfermata bħala duttrina uffiċjali tal-Knisja mill-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni dommatika fuq il-Knisja *Lumen gentium*.

Il-fundatur li waqqaf din l-organizzazzjoni ekkleżjali hu l-Qaddej ta' Alla, l-E.T. Mons. Guglielmo Giaquinta, u li aħna kellna x-xorti li nilqgħuh fil-bażilika tagħna fl-1978. Jiena wkoll kelli grazzja kbira li ngħaddi ħafna snin qrib tiegħu fil-ministeru saċerdotali tiegħi fl-Italja. Xtaqt naqsam magħkom xi riflessjonijiet tiegħu fuq is-sejħa għall-qdusija li kull wieħed u waħda minna għandu.

**Tliet dimensjonijiet tal-qdusija**

Ir-Rivelazzjoni li xandrilna Kristu, il-qalb tal-messaġġ tiegħu, hija l-Bxara t-Tajba li ġabilna: għandna Missier li jħobbna u jistenna minn għandna mħabbitna.

Lejh aħna msejħa norjentaw l-imħabba tagħna, imwettqa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu f'ambjent ta' familja: imħabba lejn il-Missier bħala tweġiba għall-imħabba tal-Missier għalina.

Ġesù għalina huwa mudell, li mhux biss ikellimna fuq l-għeġubijiet tal-Missier iżda jurina bl-eżempju tiegħu l-ħlewwa li għandu jkollna fir-relazzjoni tagħna ma' l-"Abbà". U jekk dan inħossuh impossibbli minħabba l-limitu uman tagħna, jeħtieġ

...jissokta f'paġna 6.

# Il-5 ta' Ottubru 1958

...jaqbad minn paġna 1.

XII, bħall-isqof Ġużeppi Pace, bħall-arċipriet Mikiel Cefai, bħad-diriġenti tas-Soċjetà *La Stella*, li kollha fittxew l-interessi tal-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ qabel tagħhom. U l-isforzi ġenwini tagħhom il-lum ġew ippremjati, u jixirqilhom li jitfakkru bla ħabi.

Li San Ġorġ hu bażilika, fis-seklu u s-soċjetà tagħna, ftit jidher li jagħmel xi differenza kbira. Imma li tagħmel differenza hi l-ħidma kbira pastorali u kulturali li naturalment tagħmel minn din il-knisja tagħna "spettaklu ta' fidi ħajja" fil-qalba ta' gżiritna u tad-djoċesi tagħna. Kultant bi ħsara għall-integrità parrokkjali tagħha, din il-parroċċa għażiża tagħna fittxet li tagħti servizz tad-deheb lill-poplu kollu tal-gżira, li sabha wisq utli għall-ħtiġijiet kollha tiegħu. Dan jixhduh l-eluf ta' nies mill-irħula kollha ta' Għawdex li jżuru l-knisja tagħna kull ġimgħa biex, kif ngħidu bil-Malti, "jinqdew". U jinqdew tajjeb! Għalhekk m'humiex biss it-teżori imprezzabbli ta' l-arti lokali u barranija li, kif jistqarrulna t-turisti spiss mibluha b'din it-teżor ta' knisja, jagħmlu minn San Ġorġ "glorja tagħni ta' ġmiel li ma jista' jiċħadha ħadd", imma hi fuq kollox din il-missjoni tagħha, wirt ta' l-istorja mibdul f'impenn ta' qadi lill-Knisja ta' Kristu f'kull żmien. Din hi l-glorja vera u l-akbar ġmiel... u min jista' jiċħadhom!



Din hi l-bażilika ta' San Ġorġ. Il-jum tal-5 ta' Ottubru 1958, meta l-aħbar li "San Ġorġ bażilika" waslet Għawdex fost l-hena ta' missirijietna, anki jekk għalihom donnu fisser l-akbar ġieħ li qatt seta' jingħata l-maqdes tagħhom, kien fil-fatt il-bidu ta' kapitlu ġdid fil-ġrajjiet sbieħ tal-parroċċa tagħna. U għalhekk inħossuna fid-dmir, il-lum, ħamsin sena wara, li nfakkru dan kollu. Għax inkunu nidħku bina nfusna u nittradixxu lil ta' qabilna jekk naħsbu li nistgħu nibqgħu mixjin tul it-triq li twassalna għas-Sema u f'jiem bħal dawn ma niqfux inħarsu lura lejn l-istess storja li mexxietna u kabbritna, mimlija b'qawwa li writna minnhom. Hi qawwa li tiddistingwina, bħala Kristjani u bħala Ġorġjani. U għalhekk, intennu kliem l-editur ta' *Leħen il-Belt Vittorja* ħamsin sena ilu, li fih jinkixfu l-ħeġġa u l-imħabba tiegħu u ta' sħabu għal San Ġorġ: "U min għalhekk jagħtina tort jekk il-lum irridu nsemmgħu l-leħen ferrieħi tagħna ma' l-erbat irjieħ tad-djoċesi u għalenija lkoll ngħannu l-għanja ta' l-imħabba u ta' gratitudni lil Alla?".

Le, ħadd ma jagħtina tort nifirħu b'dak li jsawwarna... bl-identità Ġorġjana tagħna, magħġuna fil-valuri Kristjani li sqiena ħalib ommna. Ħamsin sena wara, huma s-snin biss li jifirduna minn dawk il-jiem ta' festa, kif l-istess snin biss – u min minna jaf kemm? – li jifirduna mill-festa ikbar li għad nagħmlu ma' Ġorġi fis-Sema.

# San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (5)

George Francis Vella – georgefrancis.vella@gmail.com

Li kieku pittur kellu jdomm fuq tila ġrajjet "il-bażilika" ta' San Ġorġ, kien aktarx isib l-ispirazzjoni tiegħu fil-qawsalla li Alla ried iqiegħed fis-sħab ħalli tibqa' sinjal tal-patt li Huwa kien għamel ma' Noè: "U meta l-qawsalla tfeġġ fis-sħab, jien inħares lejha u niftakar fil-patt għal dejjem bejn Alla u bejn kull ħliqa ħajja... li hemm fuq l-art" (Ġen 9:16).

Bħalma l-qawsalla taf iżżejjen lin-natura rxuxtata b'xuxitha kollha lwien, hekku li l-bażilika Ġorġjana, bin-nobbiltà ta' isimha u bil-kobor ta' ġieħha, mhux biss tkompli tagħni lill-maqdes urban, imma fuq kollox tagħti sebħ ġdid lill-istorja ta' poplu, il-poplu ta' Ġorġi. Bħalma l-qawsalla, kif ippersonifikata fil-figura Griega ta' Iris, hija l-pont li tgħaqqad tarf ma' ieħor, hekku li l-bażilika Ġorġjana tingħaraf mhux iktar bħala destinazzjoni imma bħala l-mogħdija għad-destinazzjoni aħħarija li ġrajjietha, għalkemm żerriegħa, għad iridu jwarrdu u jfewħu paġni sħaħ fil-ktieb ta' ħajjitna. Bħalma l-qawsalla żżernaq glorjuża fuq art mitruħa bl-għadab ta' sema sewdieni, hekku li l-bażilika Ġorġjana toħroġ rebbieħa fuq passat imkabbar b'għemilu iżda mistkerrah f'tifkirietu.

Din l-allegorija "tal-qawsalla" tista' tgħinna nifhmu tassew is-sinifikat għoli ta' l-għoti tal-bażilika lill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għax kif jgħid l-għidut Ingliż, *"the soul would have no rainbow if the eyes had no tears"*. Din hija l-verità li l-Ġorġjani ta' dari nisġu bix-xhieda sofferta tagħhom. Din hija l-verità li l-Ġorġjani ta' ħamsin sena ilu wettqu bil-kisba sovrana tagħhom. Din hija l-verità li l-Ġorġjani tal-lum iridu jtennu bl-imħabba immortali tagħhom.

Huwa, mela, xieraq li nsammru ħarsitna fuq id-dagħbien ta' l-imgħoddi tagħna, mhux biex nittieklu bil-piena għat-taħsir tal-ġustizzja, iżda biex nintebħu li "t-tbatijiet ta' issa ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-glorja li għad trid tidher fina" (Rum 8:18). Din għandha tibqa' t-tama tagħna l-Ġorġjani għall-ġejjieni li lġiemu jinsab f'idejna.

### San Ġorġ fil-mira ta' l-aħwa Pontremoli

Fiż-żjara pastorali ta' l-1630 il-vigarju ġenerali tad-djoċesi ta' Malta, il-Kanonku Pier Francesco Pontremoli, ippropona l-unjoni bejn iż-żewġ parroċċi ta' Għawdex – ta' l-Assunta fil-kastell u ta' San Ġorġ fir-Rabat – sabiex jiġu evitati t-tilwim u l-pika bejn il-kappillani rispettivi tagħhom. Is-soluzzjoni ta' Pontremoli kienet madankollu tikkontempla illi t-tmexxija tal-parroċċa ta' San Ġorġ tgħaddi f'idejn l-arċipriet ta' l-Assunta, li dik il-ħabta kien ħuh, Dun Salvatore.

Dak iż-żmien kien hemm kappillan ta' San Ġorġ Dun Angelo Modlun, qassis ħabrieki li tul il-parrokat tiegħu dejjem irreżista kull indħil mill-ieħor tal-kastell. Dan, iżda, fl-1630 kien spiċċa *"infermo paralitico"*, marid paralitiku, u għalhekk ma kienx għadu f'kundizzjoni li jmexxi l-komunità Kristjana fdata lilu. Għaldaqstant l-aħwa Pontremoli ħadu l-okkażjoni biex jikkonvinċu lis-*Sacra Congregazione del Consiglio* f'Ruma li l-unjoni mixtieqa minnhom kienet possibbli u konvenjenti.

Fil-*Memorandum* li bagħat lill-imsemmija kongregazzjoni pontifiċja, Dun Giacomo Formosa, kanonku teologu fil-kolleġġjata ta' l-Assunta u viċiparroku fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, għamel riferenza għal tliet ċirkustanzi partikulari li setgħu jwasslu għall-unjoni bejn żewġ parroċċi: jew *"propter depopulationem"*, minħabba diffikultajiet demografiċi, meta waħda mill-parroċċi tkun ġarrbet nuqqas sostanzjali ta' parruċċani b'tali mod li ma jkunx hemm iktar bżonnha, bħal fil-każ ta' Savina u ta' San Ġakbu; jew *"propter pauperitatem"*, minħabba kumplikazzjonijiet ekonomiċi, meta minħabba l-faqar li jkun hemm f'waħda l-kappillan tagħha ma jkunx għadu jista' jmantni lilu nnifsu; jew *"propter utilitatem animarum"*, minħabba raġunijiet pastorali, meta l-komunità tisfa mingħajr kappillan u b'hekk tiġi mċaħħda mis-servizzi spiritwali.



*Il-faċċata tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ kif imfassla f'disinn ta' Vittorio Cassar fis-seklu sbatax. Tidher ukoll il-qasma li ħalla t-terremot ta' l-1693.*

F'din l-istess kitba l-Kanonku Formosa ressaq l-evidenza meħtieġa sabiex juri biċ-ċar li fil-każ ta' Għawdex ma kien hemm l-ebda ħjiel tal-problemi li ssemmew. U kompla jżid illi l-unjoni kif moħmija mill-Pontremolijiet kienet mibnija fuq prinċipji żbaljati li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konċilju ta' Trento. Il-memorjal tal-Kanonku Formosa, datat 4 ta' April 1633, ġie ffirmat minn żewġ xhieda: Dun Lorenzo Theuma u Patri Giovanni Greco, il-pirjol tal-kunvent ta' Santu Wistin.

### San Ġorġ jaqa' fil-jasar ta' l-Unjoni

Il-korrispondenza tat-tliet saċerdoti Għawdxin kontra l-iskopijiet *"vani e mondani"* ta' Pontremoli żgur li kellha sehem ewlieni fid-disfatta ta' dan l-ewwel attentat sistematiku għar-realizzazzjoni ta' l-unjoni. Barra minn hekk għal San Ġorġ bdew ifeġġu żminijiet aħjar li matulhom twettaq b'suċċess il-proġett ambizzjuż tal-bini mill-ġdid tal-knisja parrokkjali. Il-maqdes il-ġdid kellu forma mill-isbaħ. Mibni fuq stil ta' salib Latin, kien l-ewwel wieħed f'Għawdex li tfassal, skond it-tradizzjoni minn Vittorio Cassar, fuq arkitettura ekkleżjastika tar-Rinaxximent Taljan. Il-kostruzzjoni tal-knisja ta' San Ġorġ intemmet fl-1678, wara biss sitt snin. Għall-ispejjeż tagħha mhux biss ikkontribwiet l-Universitas ta' Għawdex, iżda nġabru flejjes kbar mill-poplu kollu tal-gżira. Kien f'loku, għalhekk, li tkun iddekorata mill-aħjar artisti ta' dak iż-żmien, fosthom Mattia Preti, li għal San Ġorġ pinġa kemm it-titular, fl-1678, li tħallas mill-Gvernatur Francesco de Cordoba, u kemm il-kwadru tal-Madonna ta' l-Erwieħ, li tlesta fl-1688 fuq kummissjoni tan-nobbli Giovanni Gourgion.

Iżda ma kienx destin li San Ġorġ jibqa' jgawdi minn din il-mewġa ta' żvilupp għal tul ta' snin għax għall-ħabta ta' l-1687 dlonk reġa' beda jberraq fuq il-kwistjoni ta' l-unjoni. Wara ż-żjara pastorali li għamel f'Għawdex dik is-sena stess, l-isqof ta' Malta Davide Cocco Palmieri qatagħha li jwaqqaf parroċċi ġodda f'erba' nħawi partikulari tal-gżira għaliex intebaħ illi, barra li kienu mgħammra sew, xi parruċċani, minħabba d-distanzi twal, kienu qed jibqgħu mingħajr quddies fil-Ħdud u l-festi, kienu ħafna drabi lanqas iqerru u jitqarbnu darba fis-sena, u t-tfal tagħhom ma kinux jattendu għat-tagħlim tal-katekiżmu. Allura l-isqof talab il-kunsens ta' l-arċipriet ta' l-Assunta, il-Kanonku Carlo Magri, li kien responsabbli mill-kura spiritwali ta' dawn l-erba' reġjuni: Ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ.

L-idea ta' l-erezzjoni tal-parroċċi l-ġodda xejn ma ntlaqgħet tajjeb mill-arċipriet Magri għax b'hekk mhux biss kienu ħa jonqsulu b'mod sostanzjali l-introjti tiegħu, iżda kienet ħa titnaqqarlu wkoll il-ġurisdizzjoni pastorali. Kif ġietu x-xoqqa f'moxtha, għalhekk, huwa ra kif webbel lill-Isqof ħalli jgħaddilu taħt it-treġija tiegħu l-parroċċa ta' San Ġorġ bl-obbligi u d-drittijiet kollha marbuta magħha. Il-kunsens ta' l-arċipriet Magri kien jiddipendi għal kollox mit-temma ta' din ix-xewqa. Bi ftehim mal-kappillan ta' San Ġorġ, Dun Pawl Lamagna, li kien iktar medhi f'art twelidu, Bormla, milli fl-interessi ta' San Ġorġ u niesu, ġie melà deċiż mill-isqof Cocco Palmieri li l-erba' parroċċi l-ġodda jitwaqqfu fl-istess ħin li ssir l-unjoni bejn San Ġorġ u l-arċipresbiterat ta' l-Assunta, u li l-beni stabbli ta' San Ġorġ jittieħdu biex iservu ta' prebendi għall-kappillani l-ġodda. Dan kollu ġie rreġistrat fl-editt *Cum in prima* tat-28 ta' April 1688.


*Il-vigarju ġenerali l-Kan. Pier Francesco Pontremoli.*


*L-arċipriet Carlo Magri u ħuh Dun Domenico.*

B'danakollu l-Isqof xorta waħda ħassu fid-dmir li jitlob l-approvazzjoni tas-Santa Sede għax kien jaf li qed imur kontra d-dokument tal-Konċilju ta' Trento (c. 13 ver. *in unionibus*, sess. 24, de Ref.) li jipprojbixxi l-għaqda ta' parroċċa ma' katidral jew kolleġġjata. Ir-reskritt ta' l-awtorizzazzjoni, iffirmat Ruma fil-5 ta' Marzu 1689, intbagħat lill-inkwiżitur Tumas Vidoni fis-26 ta' Mejju ta' l-istess sena.

Minn dakinhar għal San Ġorġ beda kalvarju twil li baqa' jġebbed sa l-1 ta' Awwissu 1955. Kienu tabilħaqq mitejn sitta u sittin sena ta' umiljazzjoni li kienu għoddhom ġabu fix-xejn il-fiżjonomija naturali ta' San Ġorġ li fl-1511 ġiet definita minn Ruma bħala l-*"parrochia terrœ et insulœ Gaudisii"*, il-parroċċa ta' Għawdex.

Quddiem dan kollu "il-bażilika" ta' San Ġorġ ma tibqax iktar akkwist ta' titlu u dritt, iżda tinbidel f'espressjoni awtentika ta' l-imħabba evanġelika li "taf tistabar u tħenn; u m'hijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li m'hux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha; xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni; ma tifraħx bl-inġustizzja imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (1 Kor 13:4-7). X'ma jsejħilhiex "spettaklu ta' fidi ħajja" il-papa Piju XII fil-*Merito dilaudatur templum* tas-6 ta' Settembru 1958!


*Dehra antika tar-Rabat u tal-Kastell fis-seklu tmintax, bil-knisja ta' San Ġorġ tiddomina l-belt.*

# Is-sejħa tagħna: il-Qdusija

...jaqbad minn paġna 3.

niftakru li l-Ispirtu s-Santu sawwab fina l-imħabba ta' Alla (Rum 5:5) u hu stess jagħtina l-qawwa li ngħajtulu: "Abbà, Missier" (ara Rum 8:15; Gal 4:6). Din hija **l-ewwel dimensjoni tal-qdusija**.

Kif nistgħu nitkellmu fuq dar, fuq Missier, fuq Ħuna l-kbir u fuq Spirtu ta' mħabba mingħajr ma naħsbu f'dawk li jgħixu qrib tagħna? Kollha huma ħutna għaliex ilkoll maħbuba mill-istess Missier, mifdija mill-istess Kristu, imqanqlin mill-istess Spirtu s-Santu, u għandhom bħalna l-istess sejħa għall-qdusija, għall-imħabba. Ilkoll kemm aħna aħwa, ngħammru taħt l-istess tinda u flimkien qegħdin nimxu lejn il-milja ta' l-imħabba tal-Missier.

Nistaqsi lili nnifsi: aħna nemmnu lkoll kemm aħna fl-istess ħaġa, f'din l-imħabba? Ma baqax forsi wħud minn ħutna – li verament huma ħafna! – li mhux qegħdin iwieġbu għall-appell ta' mħabba għaliex għad ma għandhomx il-fidi, jew jgħixu fid-dnub, jew jippriferu l-medjokrità, jew ma jagħtux kas ta' din is-sejħa ta' mħabba?

M'hux possibbli li r-relazzjoni tagħna ta' mħabba mal-Missier twassalna biex ma nagħtux kas ta' ħutna, jew fi kliem ieħor, li ma nħossux il-bżonn u d-dmir li nitkellmu magħhom fuq l-esperjenza meraviljuża tal-laqgħa tagħna mal-misteru ta' l-imħabba. Din it-tip ta' relazzjoni nsejħulha **t-tieni dimensjoni tal-qdusija**.

L-imħabba, u allura l-qdusija, hija verament konkreta u taħdem u għandha tidħol fil-ħajja ta' kuljum. Il-ħajja tal-qaddisin hija xhieda ta' dan. Naħseb li hija ħaġa bla sens li wieħed jaħseb li d-dmir tal-qdusija għandu jiddipendi biss mir-rieda tajba personali u individwali, mingħajr ma wieħed jara jekk fir-realtà huwiex verament possibbli ngħixuha fil-kuntest soċjali li fih ngħixu.

L-ispiritwalità soċjali, ibbażata fuq it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, fuq l-Iskrittura u fuq it-teoloġija, tagħmel pass 'il quddiem u ssaqsi lilha nfisha: il-bnedmin ma għandhomx ilkoll Missier wieħed, Alla; ma għandhomx bħala ħuhom 'il Kristu? Ma għandhomx jimxu lkoll flimkien lejn il-Missier, biex minn din id-dinja u b'mod fratern jgħixu r-rieda tal-Ħallieq fdata lilhom u li Kristu qaddes bl-eżempju tiegħu? Mhux ilkoll jagħmlu parti mill-istess familja spiritwali?

Ma għandhiex forsi toħroġ f'din il-familja dik l-imħabba intima u profonda li fuqha tkellmu l-awturi kbar ta' l-ispiritwalità? Minn dan kollu għandha toħroġ fraternità spiritwali awtentika, soda u konkreta.

Il-fraternità spiritwali twassalna biex ngħixu l-imħabba fil-milja tagħha, bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha. Dan m'hux biss li jkolli xi relazzjoni ta' mħabba ma' ħija, iżda li nħobbu b'mod totali kif ried Kristu; m'hux li noħloq miegħu relazzjoni ta' mħabba bħala virtù, iżda relazzjoni ta' mħabba msaħħa mid-don ta' l-Ispirtu s-Santu; m'hux li nara fih Kristjan, iżda



*L-isqof Guglielmo Giaquinta jamministra magħmudija tul iż-żjara tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ fl-1978.*

li nagħrfu bħala veru ħija u sieħeb tiegħi fil-mixja lejn il-perfezzjoni.

Jeħtieġ li nkunu koerenti f'din id-djalettika ta' l-imħabba. Jekk nirriflettu ftit, meta naffrontaw ċerti argumenti bħal dawk li għadni kemm semmejtilkom, noħolqu rivoluzzjoni soċjali paċifika f'isem il-qdusija u l-ħajja fraterna, u nqaddsu r-relazzjonijiet soċjali. Ċerti termini bħal "gwerra", "ġlieda soċjali", "rivendikazzjoni", "strajk bla soluzzjonijiet", "drittijiet razzjali", "qligħ esaġerat min-nies ta' l-ispettaklu u ta' l-isport", "libertà bla rażan ta' l-istampa u l-ispettaklu", "l-abort", "id-divorzju", "l-għoli tal-prezzijiet mingħajr ħtieġa bl-iskuża tas-suq", "is-suq ta' l-art għall-bini", "pagi esaġerati skond iċ-ċelebrità tal-professjonista", u tant oħrajn, juruna kif aħna ħloqna dinja li hija ċ-ċaħda tal-fraternità spiritwali. M'inhiex nippretendi li naqilbu s-soċjetà ta' taħt fuq, iżda jeħtieġ li jkollna l-kuraġġ li nuru lil kulħadd l-immaġni ta' dak li suppost huma l-fraternità u l-qdusija awtentika.

Huwa dmir tagħna l-Kristjani li nagħrfu l-kobor ta' l-imħabba lejn Alla, il-qdusija, u li ngħinu sabiex tiġi mgħixa fil-milja tagħha l-imħabba lejn ħutna, imħabba li ġejja mill-vokazzjoni għall-qdusija: din hija l-fraternità spiritwali. Din hija **t-tielet dimensjoni tal-qdusija**.

Jeħtieġ li nħossu l-bżonn u ngħinu lil ħaddieħor iħoss il-bżonn li nħobbu b'mod sħiħ u noħolqu madwarna u kullimkien il-ħtieġa ta' fraternità spiritwali ġeneruża u profonda. Jekk ilkoll kemm aħna nibdew nemmnu f'dawn il-prinċipji, nitkellmu fuqhom, niddiskutuhom, inħarsuhom u nxerrduhom b'kull mezz, inkunu diġà wettaqna għemil ta' importanza kbira, kif tagħmel il-ħmira fl-għaġna.

Ejjew nitolbu l-għajnuna u l-interċessjoni tal-qaddisin kollha u, b'mod partikulari tal-patrun tagħna San Ġorġ, sabiex aħna wkoll insiru kapaċi nwieġbu għall-imħabba ta' Alla b'imħabba sħiħa, u fih inħobbu lil ħutna u d-dinja li ngħixu fiha.

Nawguralkom mill-qalb li ssiru qaddisin.

Il-Mulej iberikkom.

# Pjazza ġdida għal San Ġorġ

Il-proġett ġdid tal-Kunsill Lokali tal-belt Victoria għal Pjazza San Ġorġ qanqal kull forma ta' reazzjoni. Fl-aħħar ġimgħat rajna l-bidu tax-xogħol li fi ftit żmien sa naraw il-frott tiegħu fi pjazza isbaħ li tagħmel ġieħ lill-eqdem parti tal-belt, bil-bażilika ta' San Ġorġ tiddominaha. **Andrew Formosa** tkellem mas-sindku tal-Kunsill attwali, is-sur **Robert Tabone**, fuq dan il-proġett ambizzjuż.

**1. Ilha għaddejja l-istennija għall-bidu tal-proġett tal-pjazza. Fl-aħħar qed naraw dan il-proġett iseħħ. X'wassal lill-kunsill biex jagħżel Pjazza San Ġorġ?**

Il-pjazza ilha fil-ħsieb li tiġi msebbħa. Naħseb li l-ewwel disinn kien sar fl-aħħar tat-tmeninijiet, imma għal ħafna raġunijiet l-idea dejjem baqgħet fuq l-ixkaffa. Wieħed jifhem li l-post hu ċentrali ħafna u għalhekk żvilupp fih ħa jolqot lil ħafna nies, u allura dan l-iżvilupp seta' forsi qata' xi ftit qalb l-amministrazzjonijiet preċedenti. Imma sa mill-bidu tal-leġislatura ta' dan il-Kunsill Lokali konna wegħidna li sa nagħmlu dak kollu possibbli biex niżviluppaw iż-żona storika tar-Rabat li tinsab bejn il-pjazez prinċipali. L-ewwelnett il-ħsieb tagħna hu li nippromovu l-identità kulturali ta' beltna biex din tkun tista' tiġi apprezzata u titgawda mhux biss mir-residenti tagħna imma wkoll mill-eluf ta' Għawdxin, ta' Maltin u ta' turisti li jidħlu r-Rabat, għax hu ċentru ta' Għawdex f'kull sens. Jagħmel sens, allura, li ċ-ċentru tiegħu jkun iktar aċċessibbli. Fid-dawl ta' dan, għaldaqstant, ftit ġimgħat biss minn meta bdejna din il-leġislatura aħna qbadna l-aħħar pjanta sottomessa mill-Kunsill preċedenti u għamilnielha emendi fuq suġġerimenti mill-Knisja u mill-*istake holders* li għandhom sehem f'din il-pjazza u ssottomettejnieha għall-approvazzjoni tal-MEPA.

L-idea hi li x-xogħol mibdi fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru jintemm fl-ewwel jew it-tieni ġimgħa ta' Diċembru, jiġifieri jsir fuq medda ta' sitta jew seba' ġimgħat. Waqt li jkun għaddej ix-xogħol dejjem ħa nħallu aċċess għal min irid jgħaddi mill-pjazza. Ix-xogħol sa jsir f'fażijiet, b'sistema magħluqa ta' *scaffolding*, b'kontroll ukoll fuq it-trabijiet li jistgħu jinħolqu u sigurtà assoluta waqt il-ħin tax-xogħlijiet.

**2. Fuq liema stil ġiet iddisinjata l-pjazza ta' San Ġorġ? Min kien id-disinjatur ta' l-istess pjanta?**

L-artist hu John L. Grima, wieħed mill-aħjar artisti fuq livell nazzjonali, imma wkoll Rabti bħalna. Infakkar li r-raġuni prinċipali li għaliha ntgħażlet din il-pjazza hija li tinsab proprju fil-qalba tal-belt, post li wieħed jipprova jagħmlu l-isbaħ possibbli għax hu l-iktar iffrekwentat. Allura ħassejna li għandna nqabbdu wieħed mill-iktar artisti prominenti ta' żmienna. Iddeċidejna fuqu wkoll għax kien hu li għamel il-bieb tal-bronż tal-bażilika Ġorġjana, u minbarra li għandu għajn ta' artist hu wkoll disinjatur. Għalhekk nemmnu li sa jkollna riżultat tajjeb: għax hu artist fiż-żewġ oqsma.

L-istil tal-pjazza kollha, maħdum mill-istess artist, ħa jkun jikkumplimenta l-faċċata tal-knisja; li hi u trid tibqa l-*focus* prinċipali ta' l-istess pjazza. Xejn mill-art



jew l-attrezzament l-ieħor m'hu ħa jkun jiġbed l-għajn iktar mill-knisja u l-faċċata tagħha, li huma ċentrali għall-istruttura kollha. Il-pavimentar magħżul hu granit naturali; l-għażla waqgħet fuq dan it-tip ta' materjal u fuq dan il-kulur għax il-pjazza m'hix kbira u tħares lejn it-tramuntana, jiġifieri ma tantx tinqabad mix-xemx matul il-ġurnata.

Biex jikkumplimenta l-pavimentar qed naħsbu għal illuminazzjoni ġdida u hawn ukoll ix-xogħol ingħata lill-inġiniera *Galea&Curmi* li filwaqt li sa jieħdu ħsieb ix-xogħol kollu relatat ma' l-inġinerija, ikkummissjonaw id-disinn tad-dawl lill-inġinier Taljan Stefano dall'Osso, li hu l-istess persuna li ħadet ħsieb l-illuminazzjoni tal-bażilika ta' San Ġorġ u tal-kon-katidral ta' San Ġwann, fost xogħlijiet oħra. Dan kollu sa jagħti dimensjoni ta' ċerta kwalità lill-pjazza. Saret ukoll diskussjoni ma' l-arċipriet fuq tidwil ġdid tal-faċċata tal-knisja u dan sa jiġi wkoll inkluż fid-disinni proposti li għandhom jingħataw lill-Kunsill sas-7 ta' Novembru biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti neċessarji għax-xiri tal-*fittings* tad-dawl.

**3. Id-disinn il-ġdid ta' Pjazza San Ġorġ sa jinkludi funtana. Agħtina l-kuntest ġenerali tad-disinn.**

L-istil tal-funtana hu wieħed minimalistiku għall-aħħar. Deherilna li biex nagħmlu xi ħaġa verament partikulari ridna ninkludu element li, għalkemm żgħir fid-daqs, jagħti karattru lid-disinn ħolistiku. Kuntrarju għal kif ħasbu ħafna nies, din m'hix ħa tkun struttura għolja, imma pjuttost waħda baxxa u kumplimentari għall-madwar. Grima hawn tana disinn ta' speċi ta' bieqja, fejn il-valur m'hux l-arkitettura daqskemm id-disinn u l-materjal, li fl-istess ħin jikkumplimentaw il-bieb tal-bażilika. L-iskop li għalih il-funtana qed issir baxxa hu biex ma jgħattix il-*focus*, li hu l-faċċata. Is-

simboliżmu tal-funtana wkoll jevoka tifsira reliġjuża: l-għajn prinċipali hi Kristu, li minnu joħorġu għejjun ta' grazzja f'kull direzzjoni tal-bieqja. Il-pjazza hi pjazza ta' knisja, u nkunu niżbaljaw jekk neħduha barra minn dan il-kuntest.

Il-post proprju ta' din il-funtana hu, biex niftiehmu, bejn fejn jintrama l-pedestall ta' San Ġorġ "taż-Żiemel" u l-palk tal-banda. Hekk kemm il-pjazza u kemm il-knisja qed jingħataw dehra iktar wiesgħa. Wieħed irid jiftakar li din il-pjazza għandha realtajiet partikulari marbuta ma' żminijiet bħall-festa u attivitajiet ekkleżjastiċi mifrux fuq is-sena. Aħna rridu li dan l-iżvilupp fiha ma joħloqx inkonvenjent f'dan il-qasam. Filfatt kellna laqgħat mas-Soċjetà *La Stella*, speċjalment ma' l-Għaqda ta' l-Armar, u lħaqna kompromess biex il-funtana tkun tista' tinqala'. Iddeċidejna maż-żewġ entitajiet fuq żmien stabbilit minn qabel fejn ikun hemm il-fakultà li l-funtana titneħħa u mbagħad terġa' titpoġġa.

Kif diġà semmejt l-ilma sa jkun joħroġ biss minn post wieħed fil-funtana. Kien hemm min ikkritika d-deċiżjoni tal-preżenza ta' funtana fil-pjazza, għax l-ilma jġib il-ħamiem. Dan hu minnu, imma qgħadna attenti li nfiehmu lin-nies kif mhux fil-funtana kollha ħa jkun hemm l-ilma; anzi ħa tkun votja. L-ilma jitla' u jinżel fl-istess post, li hu biss ċirku iżgħar fuq ġewwa tad-disinn. Sa jkun hemm ukoll tip ta' *drain* biex l-ilma lanqas iżomm fil-post. Il-ħoss ta' l-ilma jkun għaddej il-ħin kollu bla ma jkollok ilma viżibbli li jinżamm fil-funtana. Is-sabiħ fl-aħħar mill-aħħar hu d-disinn, li għadu jrid jiġi elaborat meta ssir il-biċċa tax-xogħol. Nassigura lin-nies li qed nagħmlu dak kollu possibbli sabiex id-deċiżjonijiet li nieħdu jkunu kollha kemm huma fl-aħjar interess tar-residenti tagħna..

**4. Nafu bil-possibbiltà li jistgħu jinstabu skavi li jixħtu aktar dawl fuq l-istorja bikrija ta' beltna. F'każ bħal dan, x'sa jkunu l-proċeduri? Hemm possibbiltà li jsiru studji dettaljati fuq dak li jkun instab u li possibilment ikunu aċċessibli għall-pubbliku?**

Il-possibbiltà hi reali. Minn studji li ġa saru fl-inħawi jidher li jekk ħa niskavaw ħa nsibu. Dan il-Kunsill jaħseb li jagħmel sens li la qed tinqala' l-pjazza għandhom isiru l-istudji storiċi. Iffirmanja ftehim mal-MEPA u s-Supratendenza għall-Wirt Kulturali biex ikunu huma li jiġu jagħmlu r-riċerki meħtieġa, u qegħdin f'kuntatt sħiħ magħhom, għax hu fl-interess tagħna li jsir dan; sa nqabbdu wkoll arkeologu indipendenti biex is-superviżjoni tkun waħda kostanti. Għandna bil-miktub li jekk jinstabu affarijiet il-proċess ma jtulx iktar minn xahrejn fuq dak li ppjanajna. Veru li l-proġett sa jaħbat maż-żminijiet tal-festi tal-Milied, imma nassiguraw lill-pubbliku li mhux ħa jsiru xogħlijiet li jtellfu, anzi nieħdu ħsieb li ż-żona matul dan iż-żmien partikulari, ovvjament dejjem fl-eventwalità li jinstabu fdalijiet storiċi importanti, terġa' tkun aċċessibbli fit-totalità tagħha għall-benefiċċju ta' dawk kollha konċernati.

Fl-eventwalità li jinsabu fdalijiet storiċi, fejn nistgħu ħa nikxfu u nippreservaw, imma fejn dan hu impossibbli, bħal ngħidu aħna sejbiet ta' xi tempji jew siti ta' statura kbira li allura ma jkunx possibbli li nħarrkuhom minn posthom, ikollna nerġgħu ngħattu. Għall-argument, tista' tinstab belt oħra taħt iż-żona, fejn allura wieħed ma jistax iħalli kollox mikxuf; imma mbagħad issir mappa li fiha titniżżel kull ħaġa misjuba, u l-art terġa' tingħalaq. Jiddipendi dejjem x'ħa jinstab u kemm ikun possibbli li jinżamm jidher. Sas-seklu tmintax kien hemm ordni ta' l-Istat li għall-parti bejn il-knisja ta' San Ġorġ u s-Sur ma joħroġ l-ebda peremess ta' bini. Dan minħabba l-kwistjoni ta' l-għadu, ħalli ma jkunx hemm xi jtellef lill-kanuni li mis-Sur jisparaw fuq l-għedewwa u biex il-viżibbiltà tkun eċċellenti Dan iwassalna biex nassumu li aktarx li dak li hemm għadu hemm taħt, għax qatt ma saru skavi veri u proprji ħlief għat-tħaffir tal-pedamenti tad-djar li kienu jmissu mal-binja li tifred Pjazza San Ġorġ minn Pjazza Indipendenza u li kienu jieħdu madwar tliet kwarti mill-pjazza kif nafuha l-lum. Ninsisti li aħna ħa nippruvaw nesponu dak li nsibu, imma jekk naraw li hu impossibbli, jerġa' jitgħatta kollox, għax qed naħdmu f'realtà ta' pjazza ħajja, kummerċjuża u ċentralissma.

Il-Kunsill hu konxju tar-realtà storika tar-Rabat u jinsab f'konsultazzjoni ma' l-esperti. Fejn fl-aħħar għoxrin sena donnu kien hawn moviment li aktar




*Il-pjanta ġenerali proposta mill-Kunsill Lokali tal-belt Victoria għa*

ippromova ċ-*Cittadella*, waqt li fl-aħħar snin jiena nħoss li ċ-ċentru storiku tar-Rabat tħalla għall-ġenb, issa, waqt li nibqgħu nirrikonoxxu l-importanza ewlenija ta' din il-belt antika, irridu li jsiru żviluppi ġodda fuq iċ-ċentru storiku tar-Rabat u li jippromovuh iktar. F'dan qed insibu appoġġ kbir mid-Deputat Supratendent għall-Wirt Kulturali, li inċidentalment għamel id-dottorat tiegħu fuq iċ-ċentru storiku tar-Rabat. Bħala Kunsill hu dmir tagħna li nippromovu dak li għandna, waqt li nagħmluh iktar attraenti u aċċessibbli.

**5. Nafu li mhux l-ewwel darba li nħolqu problemi minħabba l-parkeġġ mhux kontrollat li kien hawn fi Pjazza San Ġorġ. X'sa jiġri mill-parkeġġ?**

Il-parkeġġ sa jitneħħa għalkollox. Il-pjazza sa ssir żona pedonali u ma jkunx permess parkeġġ. Imma sa nagħtu lok għal ċerti ċirkustanzi partikulari fejn jistgħu jgħaddu vetturi mill-pjazza; bħal ngħidu aħna affarijiet li huma ta' kuljum bħal tqassim taċ-ċilindri tal-gas u oħrajn. Għamilna laqgħat apposta biex nidentifikaw il-ħinijiet biex isir *loading* u *unloading* għall-ħwienet fil-pjazza. Hawn sa nippermettu ċerti ħinijiet biss, biex ma nagħtux spazju lil ħinijiet twal ta' kaos. Il-pjazza trid titgawda fil-paċi l-jum kollu. Anki lir-residenti taż-żona ħa nagħtuhom il-fakultà ta' *loading* u *unloading* f'kull ħin tal-ġurnata, imma mingħajr ma jkun hemm parkeġġ fl-ebda ħin u għal ebda raġuni. Biex inġib eżempju, min għandu t-tfal u jrid iħallihom d-dar, jew iħalli d-dar ix-xirja ta' ġimgħa, jista' jagħmel hekk bil-kumdità kollha u mbagħad imur isib parkeġġ band'oħra. Għal dan l-għan ħa nipprovdu *card* apposta. Hekk inkunu noffru soluzzjoni għall-ħtiġijiet tan-nies. Fir-rigward ta' attivitajiet marbutin mal-knisja, ovvjament sa nagħtu l-permess għall-użu u l-ipparkjar ta' vetturi fil-pjazza waqt tiġijiet, funerali u okkażjonijiet oħra eċċezzjonali ta' festa, kif ukoll u żgur mhux l-inqas għal vetturi li jintużaw biex jintrama l-armar tal-festa fl-istess pjazza.




...ar-rinnovazzjoni ta' Pjazza San Ġorġ (Ħajr: Kunsill Lokali Belt Victoria).

**6. Kif sa tiżguraw li din il-pjazza tibqa' *up to standard* tul is-sena kollha, meta nafu li hija popolari ħafna ma' l-Għawdxin, il-Maltin u t-turisti?**

Diġà ħadna miżuri li qed jiġu implimentati. Pjazza San Ġorġ, Triq Karità u Strada Palma huma miksijin bil-konkos, li hu magħruf kemm jiġbor ħmieġ. Għalhekk għamilna reviżjoni fil-miżuri ta' l-indafa, għalkemm fadlilna x'niżviluppaw. Pjazza San Ġorġ u l-madwar il-lum il-ġurnata qed jinkinsu tliet darbiet kuljum, meta sa ftit żmien ilu kienu jinkinsu tliet darbiet fil-ġimgħa. Anzi qed nissuġġerixxi li jsiru erba' frekwenzi. Il-Ħadd u fil-btajjel pubbliċi daħħalna wkoll frekwenza waħda kmieni wara nofsinhar. Nemmnu, imma, li anki l-Ħadd u fil-btajjel pubbliċi rridu li jibqgħu l-istess frekwenzi ta' matul il-ġimgħa. Hekk inkunu solvejna problema kbira. Għamilna rivoluzzjoni sħiħa f'dan il-qasam u r-riżultat qed jinħass. Xi ħaġa oħra ġdida li għamilna hi li Triq Karità u Triq Palma kulmeta tinħass il-ħtieġa qegħdin jinħaslu b'magna apposta. Tajjeb li nsemmi wkoll li l-istess isir fi Pjazza Indipendenza (it-Tokk) fejn f'din il-pjazza, li sa ftit żmien ilu kienet tkun maħmuġa ħafna minħabba l-ħmieġ ta' l-għasafar, il-lum is-sitwazzjoni tranġat drastikament u dan għax ittieħdet deċiżjoni li l-pjazza tibda tinħasel darba fil-ġimgħa. Qabel kienet tinħasel biss qabel xi okkażjoni nazzjonali, jiġifieri madwar tmien darbiet f'sena. Barra minn hekk il-materjal li sa nużaw bħala pavimentar għall-pjazza fih innifsu la jiġbor wisq ħmieġ u, iktar minn hekk, minħabba d-disinn tiegħu l-ħmieġ ma tantx jidher fuqu.

Il-Kunsill ilu jaħdem fuq il-problema tal-ħmieġ fir-Rabat, imma biex verament nagħmlu d-differenza hi meħtieġa l-komprensjoni u l-ko-operazzjoni tan-nies. Fuq dan il-punt irridu wkoll nirresponsabilizzaw lil tal-ħwienet. Ma jagħmilx sens li jinħarġu boroż taż-żibel fejn jarahom kulħadd, f'xi kantuniera jew wara bieb ħaddieħor, meta qed nippruvaw insebbħu lil beltna. Irridu nikkonvinċuhom li fl-aħħar mill-aħħar ir-Rabat hu tagħna lkoll u rridu nkunu aħna lkoll flimkien li naħdmu biex ikollna r-riżultati tant mixtieqa.. Fuq dan il-punti fil-ġimgħat li ġejjin ħa nibdew kampanja ġdida kontra l-ħmieġ tal-klieb, waqt li kampanja oħra li sa tiġi promossa hija kontra r-rimi ta' skart barra.

Bil-proġett il-ġdid anki l-*wiring* ħa jitlaq kollu mill-pjazza, kif inhu xieraq. Tkellimna ma' l-entitajiet kollha u

r-residenti, u qbilna li s-servizzi kollha jingħaddew minn taħt l-art u mhux iktar mill-bjut. Qed nikkummissjonaw ukoll *water culverts* ġodda, imma dawn mhux sa jiffunzjonaw mill-ewwel, għax irridu nistennew li meta, kif nittamaw, isir il-proġett tal-bini mill-ġdid ta' Triq ir-Repubblika skond il-pjanijiet imwiegħda mill-fondi Ewropej, issir sistema li tqabbad ma' tat-Tiġrija dawk ta' Pjazza San Ġorġ, kif hu l-iktar vjabbli.

**7. Nafu li ċerti attivitajiet li torganizza l-parroċċa tagħna, kif ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet tal-jiem tal-festa, iseħħu fil-pjazza. Bil-bini ta' din il-pjazza, sa isiru xi tidbiliet li jistgħu jolqtu, tajjeb jew ħażin, lill-bażilika tagħna?**

Aħna u naħdmu fuq il-pjan tal-pjazza, iddelineajna sa mill-bidu flimkien mal-MEPA l-postijiet eżatti għall-armar tal-festa, barra dawk tal-ħwienet u entitajiet oħra. Il-MEPA poġġiet ħafna kundizzjonijiet, fosthom ukoll li din tkun pjazza pedonali. Barra minn hekk għamilna enfasi mal-MTA biex il-ħwienet ikunu kkontrollati u l-*bars* iżommu ma' l-ispazju mogħti lilhom bil-liġi. Il-pjazza ma tistax tkun *hijacked*. Fil-pjanta diġà hemm partijiet speċifiċi tal-pjazza riservati għall-imwejjed. Il-messaġġ hu ċar: hemm relazzjoni intima u inekwivokabbli bejn il-knisja u l-pjazza, u dan irid jiġi rrispettat. Għaldaqstant affarijiet oħra jridu jikkumplimentaw dan il-fatt u mhux joħonqu lill-istess knisja. Irridu li dejjem ikun hemm aċċess liberu, prinċipalment għan-nies kif ukoll għal vetturi bħall-ambulanzi f'każijiet partikulari.

**8. X'inhi l-viżjoni tal-kunsill għaċ-ċentru urban tar-Rabat?**

Il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ qed jiġi jiswa bejn €200,000 u €300,000. Aħna flus biex niffinanzjaw dan il-proġett waħidna m'għandniex. Għalhekk konna applikajna biex nirċievu fondi Ewropej għal proġett tar-riġenerazzjoni taċ-ċentru storiku tar-Rabat, b'*heritage trail* fih. Sfortunatament dan ma ġiex approvat! Imma ma qtajniex qalbna, anki jekk ir-realtà hi li l-Kunsill għandu biss *budget* ta' Lm14,000 għal żvilupp infrastrutturali; allura jrid jistinka bilfors biex iġib il-flus minn x'imkien ieħor. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-MEPA biex il-Kunsill jagħmel użu minn fond imsejjaħ *Environmental Initiatives Projects in Partnership* (EIPP) maħsub biex jiżviluppa l-ambjenti fil-lokalitajiet, u li minnu qed nippruvaw nieħdu l-valur kollu tal-proġett. Nisperaw li f'qasir żmien ikollna tweġiba definittiva fuq din it-talba. Jekk din tiġi fin-negattiv, il-Kunsill ħa deċiżjoni għaqlija li permezz tagħha jissellef il-flus meħtieġa għall-proġett. Dan hu legalment permissibbli u ma jitfax piż żejjed fuq il-finanzi ta' l-istess Kunsill. Dan l-infiq kollu sa jseħħ minħabba diversi xogħlijiet fil-pjazza, bħas-sistemi ta' *wiring* u *water culverts*, pavimentar, sistema ġdida ta' illuminazzjoni u l-funtana. Irridu li tabilħaqq nagħmlu biċċa xogħol li tixraq lir-residenti tagħna u lil-lokalità li nirrappreżentaw.

Fuq il-kwistjoni tat-trakkijiet li jgħaddu mit-Tiġrija, u l-ħsara li qed jagħmlu meta jgħaddu mill-qalba tar-Rabat, il-Kunsill għal dawn l-aħħar sentejn ilu jibgħat lill-Gvern ċentrali proposti għal *ring-road*. Marbuta ma' dan huma wkoll il-proposti li bgħattna lill-Gvern fir-rigward ta' iktar postijiet ta' parkeġġ fir-Rabat. Dawn huma żewġ problemi li bil-mod il-mod qed jifnuna. Fid-dawl ta' dan nappella lir-residenti tagħna sabiex jingħaqdu magħna ħalli nwasslu dan il-messaġġ b'mod ċar u b'saħħtu. Jekk f'qasir żmien ma nsibux rimedji konkreti għal dawn il-problemi, wisq nibża' li l-attività ekonomika fiċ-ċentru ta' beltna sa tispiċċa b'mod naturali, kif ukoll li l-ħsara fuq l-infrastruttura fiżika ta' din iż-żona tkun irrimedjabbli.

Il-proċess tar-riġinerazzjoni taċ-ċentru storiku ħa jaffettwa b'mod pożittiv lir-Rabat kollu u mhux biss lill-inħawi li qed naħdmu fuqhom. Hemm bżonn naħdmu iktar biex kulħadd ikun konxju mill-wirt li għandna f'idejna. Innutajna, imma, li proġett bħal dan tal-pjazza ma ntlaqax bl-entużjażmu li ħsibna aħna. L-applikazzjoni ma dherilniex li kellha saħħa popolari. In-nies donnha għadha m'hix konvinta mill-wirt uniku li qed tgħix fih. Statistika importanti toħroġ mill-*audiovisual panel* li introduċejna fi Pjazza Indipendenza fl-aħħar xhur. Irriżulta li fit-tieni xahar wara l-istallazzjoni tiegħu, 16,954 persuna għamlu użu minnu. Dan ifisser kważi sitt mitt għafsa kuljum. Interessanti hu li minn din l-istatistika ħareġ li ntalab iktar tagħrif fuq iċ-ċentru storiku milli fuq iċ-Ċittadella: 52% kontra 48%. Dan ma jnaqqas assolutament xejn mill-uniċità taċ-Ċittadella, imma juri kemm in-nies, speċjalment it-turisti, isibu l-qalba tar-Rabat interessanti u affaxxinanti. Dan ikompli jistimula lill-Kunsill Lokali biex jaħdem favur ir-riġenerazzjoni storika taċ-ċentru tar-Rabat tagħna.



*Id-disinn tal-funtana ġdida tal-bronż għal Pjazza San Ġorġ, maħdum mill-artist John L. Grima (Ħajr: Kunsill Lokali Belt Victoria).*

# Pawlu VI: għotja ta' mħabba lill-Knisja

Gabriel Gauci



"Għaliex ma nerġgħux nibdew niktbu u naqraw, kif għandna nagħmlu fil-ġurnata tal-lum, il-ħajjiet tal-qaddisin?", saqsa u ppropona Pawlu VI fl-1969. Għaliex il-ħajjiet u l-eżempji tal-qaddisin, anki dawk li għexu fi żminijiet differenti minn tagħna, jistgħu jkunu għalina l-Kristjani tal-lum lampa li ddawwal it-triq tagħna lejn Kristu u lejn il-qdusija? Xi jfisser għall-Knisja li wieħed ikun laħaq il-qdusija?

L-ewwelnett huwa ta' importanza fundamentali dak li jgħallimna il-Konċilju Vatikan II fuq is-sejħa universali għall-qdusija. Kull bniedem huwa msejjaħ minn Alla biex jgħix ħajtu fi qbil mar-rieda ta' Alla għalih, u dan isir permezz tal-binja personali tiegħu nnifsu li twasslu biex ikollu relazzjoni intima ma' Alla, u relazzjoni ta' ħbiberija mal-persuna ta' Ġesù Kristu. Għalhekk il-qdusija hija xi ħaġa interjuri fil-bniedem, li sseħħ fil-ġewwieni tiegħu, fejn dan jagħraf ir-rieda ta' Alla għalih, u l-mod ta' kif dan għandu jgħixha. Hija importanti l-binja personali, li jfisser li jien ninbena u nimxi 'l quddiem fl-aspetti kollha tal-persuna tiegħi fiċ-ċirkustanzi u l-ġrajjiet partikulari li Alla poġġieni fihom, li ħafna drabi jkunu ċirkustanzi normali tal-ħajja ta' kuljum. Minħabba f'hekk il-qdusija nistgħu nfissruha bħala grad ta' progress fir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla. Il-qdusija ma titkejjilx mill-effetti esterni li jistgħu jintwerew 'il barra mill-ġewwieni tal-persuna. Nieħdu eżempju: ħafna jaħsbu li San Ġorġ Preca "sar qaddis" għaliex waqqaf is-Soċjetà tal-*Museum*, jew li San Piju ta' Pietralcina ġie ddikjarat qaddis għaliex kellu l-pjagi. Filfatt dan huwa fatt għalkollox sekondarju. Dak li kkunsidrat il-Knisja fuq San Ġorġ Preca huwa kif dan għex il-kariżma li għaliha sejjaħlu Alla bħala saċerdot u kif bħala persuna daħal fil-fond tal-misteru ta' Alla. It-twaqqif tas-Soċjetà tal-*Museum* kien biss effett ta' dak li Dun Ġorġ għex fil-ġewwieni tiegħu. U dan nistgħu ngħidu li jgħodd għal kull qaddis, u jgħodd ukoll għall-ħajja tagħna bħala Kristjani.

U anki jekk inħarsu lejn il-figura tal-papa Pawlu VI b'dan il-mod nistgħu ngħidu li anki dan il-Ppapa, tletin sena wara l-mewt tiegħu, jista' jkun għalina lampa li ddawwal il-mixja tagħna lura għand il-Ħallieq tagħna. Iċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom għex u li fihom wasal għall-qdusija (għalkemm għadu m'hux iddikjarat qaddis b'mod uffiċjali mill-Knisja) nistgħu ngħidu li kienu uniċi u straordinarji. Imwieled fl-1897, bl-isem ta' Giovanni Battista Montini, minn familja tat-tajjeb, fejn missieru kien politikant ewlieni fix-xena politika Taljana, sar saċerdot fl-1920, u mill-ewwel beda l-missjoni saċerdotali tiegħu għall-qadi tal-Knisja Kattolika b'ħidma fis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan, kif ukoll ma' l-istudenti universitarji Kattoliċi Taljani. Fl-1954, meta l-papa Piju XII ħatru arċisqof ta' Milan, ħajtu nbidlet mil-lejl għan-nhar, fejn intefa' b'ruħu u b'ġismu f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni mill-ġdid, b'mod speċjali tal-ħaddiema u tas-soċjetà kollha kemm hi li kienet qed issir dejjem iktar soċjetà sekularizzata. Ħa sehem attiv fil-Konċilju Vatikan II imniedi minn Ġwanni XXIII, u meta dan il-papa miet Giovanni Battista Montini ġie magħżul bħala s-suċċessur tiegħu nhar il-21 ta' Ġunju 1963. Fil-ħmistax-il sena li dam papa, sakemm miet fis-6 ta' Awwissu 1978, messitu l-biċċa xogħol diffiċli ta' l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Konċilju Vatikan II, kif ukoll li jkompli l-mixja tal-Knisja f'dawk iż-żminijiet, Knisja li kellha ħafna iktar bżonn tisma' lill-bniedem u lis-soċjetà ta' dak iż-żmien. Hemm ħafna u ħafna iktar xi tgħid fuq il-kobor ta' dan il-papat, li fl-istess ħin juri l-kobor ta' dan l-uffiċċju li l-Mulej fdalu f'idejh.

Pawlu VI wasal għall-qdusija personali tiegħu f'dawn iċ-ċirkustanzi li huma waħdanin, iżda żgur li l-ispirtu li kellu dan il-papa għandu ħafna x'jgħallem lil kull Kristjan. Tul is-snin li dam papa tispikka b'mod speċjali r-rabta kbira li kellu mal-Mulej Ġesù, li wasslitu biex jagħti xhieda ħajja Kristjana lid-dinja ta' żmienu. Din ir-rabta intima kienet karatteristika kbira ta' dan il-papa, anki fil-mumenti fejn ħassu waħdu fit-tmexxija tal-Knisja Kattolika: "Il-pożizzjoni tiegħi hija waħda unika. U dan ifisser li din din tpoġġini f'solitudni estrema. Diġà kienet kbira qabel, u issa saret sħiħa u tal-biża'. Tagħmillek il-mejt. Bħal statwa fuq pilastru, anzi persuna ħajja bħalma jien jien... Anki Ġesù kien waħdu fuq is-salib... Ma rridx nibża', ma rrid infittex xejn li jiskużani mid-dmir tiegħi. U nbati waħdi... jien u Alla". Din is-silta qasira, meħuda minn xi meditazzjonijiet privati li kiteb f'irtir li kellu 1963, turi wkoll b'liema umanità kien iħares lejn dak li Alla kien jafdalu f'idejh.

U kienet din ir-rabta intima ma' Ġesù li kienet kontinwament twassal lil dan il-papa biex iġedded l-impenn tiegħu għall-Knisja, impenn kollu mħabba mogħti għat-tiġdid u t-titjib tal-Knisja. Il-kardinal Martini, suċċessur ta' Montini bħala arċisqof ta' Milan, ifisser hekk il-persuna ta' Pawlu VI: "...bniedem ta' fidi profonda, umli, dejjem lest u attent għad-djalogu, dejjem mixtieq li jgħin u dejjem beżgħan li jfixkel lill-oħrajn, bniedem li kellu d-don ta' perseveranza kbira waqt il-provi". Din id-dimensjoni tidher f'kull aspett tal-pontifikat tiegħu, iżda jien sa nillimita ruħi biss għal xi ftit meditazzjonijiet privati tiegħu, li juru kemm Pawlu VI kien konxju mill-fatt li jrid jagħti lilu nnifsu għall-ġid tal-Knisja Kattolika, fuq l-eżempju ta' Ġesù nnifsu, li ta ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Dawn huma x'uħud mill-ftit versi li kiteb fl-ewwel lejl li għadda fil-Vatikan bħala papa: "Ninsab fl-appartament pontifiċju... Telegrammi d-dar, Milan, Brescia..., u xi telefonati lil xi persuni għeżież. Imbagħad wasal il-lejl: talb u skiet. Le, dan m'huwiex skiet, id-dinja qed tħares lejja, qed theddidni. Irrid nitgħallem inħobbha tassew. Il-Knisja kif inhi. Id-dinja kif inhi. Xi sforz dan! Biex wieħed iħobb b'dan il-mod jeħtieġ li dan jgħaddi mill-imħabba ta' Ġesù. Tħobbni? Irgħa. O Kristu, o Kristu! Tħalli qatt li jien ninfired minnek, o Kristu: jien irrid inkun fik". Il-Ħadd ta' wara, wara l-ewwel *Angelus* tiegħu fi Pjazza San Pietru, kompla dawn il-meditazzjonijiet: "Il-ħsieb li ġieni l-lum huwa fuq il-kapaċità li nisma', li rrid neduka lili nnifsi fiha. Qabelxejn il-kapaċità li tikkonsisti f'li jien nisma' l-leħen ta' Alla, il-Kelma tiegħu fil-Ktieb Qaddis, it-tnebbiħ interjuri tiegħu, il-verità tiegħu. Hemm bżonn li nsib iktar ħin u attenzjoni ikbar għal din il-Kelma li ddawwal, li tfarraġ, li tmexxi. 'Iħobbni', Inti kont għidtli, 'min jismagħni'. Li tisma', li tisma'. Irrid nisma' wkoll, u kemm! Nisma' l-leħen ta' min qed jurini, ta' min qed jagħtini parir, ta' min qed jitlobni; imma għal dan hija meħtieġa viġilanza differenti, jiġifieri kritika u temperata: 'Agħrblu kollox... aċċettaw dak li hu tajjeb'... Is-smigħ ma jiqafx hawn. Hemm ukoll iż-żminijiet tagħna x'nisma', b'mod speċjali dawk l-ilħna li l-iktar huma espressivi, kif ukoll dawk l-ilħna profondi li biex ifissru lilhom infushom jistennew lil min jinterpretahom u lil min jagħmilhom tiegħu". Hawnhekk toħroġ id-disponibbiltà ta' dan il-papa biex jisma' lill-oħrajn, bid-diffikultajiet tagħhom u bil-mistoqsijiet tagħhom, u din hi karatteristika li tant tispikka fi żmienna.



Ġwanni Pawlu II ifisser lil Pawlu VI bħala "don tal-Mulej lill-umanità. Fehem lill-bniedem ta' żminijietna, u ħabbu bi mħabba sopranaturali filwaqt li ħares lejh bl-għajnejn misterjużi ta' Kristu... L-intelliġenza u l-kultura tiegħu tawh sens wiesa' tal-kobor u tal-miżerja tal-bniedem... Fehem lill-bniedem, għaliex ħares lejh bl-għajnejn ta' Kristu. Għen lill-bniedem, għaliex ħabbu bl-imħabba ta' Kristu. Qeda lill-bniedem, għaliex urieh il-verità ta' Kristu fil-milja kollha tagħha".



Naturalment mhux kulħadd fehem lil dan il-papa għax mhux kulħadd fehem u mhux kulħadd jifhem il-verità ta' Kristu. U dan ikkawża ħafna tbatija lil dan il-papa: "Intant, jidhirli li jien nixbah lil dgħajsa fraġli f'oċean imqalleb. Mulej, salvana! Ninsab għajjien ħafna; iżda l-imħabba qatt m'hi għajjiena". Dawn l-imħabba u d-dedikazzjoni għall-bniedem kien jurihom ukoll fil-maġisteru tiegħu, b'mod speċjali meta kien jitkellem fuq il-Knisja. "Dak kollu li huwa uman jirrigwardana. Aħna naqsmu ma' l-umanità kollha n-natura, jiġifieri l-ħajja bl-għotjiet kollha tagħha, bil-problemi kollha tagħha", insibu fl-enċiklika fuq il-Knisja *Ecclesiam suam*.

Xħin qorob lejn l-aħħar ta' ħajtu fuq din l-art, Pawlu VI kellu xewqa kbira li jgħarraf lid-dinja kollha li dak kollu li għamel tul il-ħmistax-il sena tal-pontifikat tiegħu kien immexxi mill-imħabba għal Alla u għall-Knisja. Dawn huma xi silitiet żgħar mill-omelija li għamel fid-29 ta' Ġunju 1978, ftit ġimgħat qabel ma miet: "...anki aħna, bħal Pawlu nħossu li nistgħu ngħidu: 'Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja tiegħi, ħarist il-fidi'... Dan hu l-għan li mexxiena f'dawn il-ħmistax-il sena ta' pontifikat. *'Fidem servavi'* – 'Ħarist il-fidi'. Nistgħu ngħidu l-lum, bl-għarfien umli u qawwi, li qatt ma ċħadna 's-sewwa qaddis'".

Fatt żgħir li nistgħu nagħlqu bih. L-iktar ktiba bikrija ta' Montini li teżisti hija karta ta' pitazz mimlija kollha kemm hi bil-kliem *"io amo"* – "jien inħobb", li meta kien għadu fl-iskola elementari l-għalliema qabbditu jikteb biex jitgħallem jikteb. L-aħħar u l-iktar meditazzjoni magħrufa tiegħu, il-*Pensiero alla morte*, fl-aħħar versi tagħha nsibu miktub: "O bnedmin, ifhmuni: inħobbkom lilkom ilkoll".

# *Live-In* għall-Adoloxxenti fis-Sajf

**Mark Josef Rapa** – markjosef@gmail.com



Matul is-sena skolastika li għaddiet ta' kull ġimgħa grupp ta' adoloxxenti kien qed jiltaqa' bħala formazzjoni fil-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ.

Din il-mixja ta' formazzjoni kienet f'idejn is-seminarista żagħżugħ Daniel Grech li b'għaqal kbir għaraf ipoġġi għad-diskussjoni l-aktar suġġetti relevanti għall-ħajja ta' adoloxxent fis-seklu wieħed u għoxrin. Dan ħajjar aktar lill-adoloxxenti biex jieħdu sehem u juru interess f'dak li kien qed jiġi diskuss. Barra laqgħat saru ukoll attivitajiet, fejn



b'mod aktar informali dan il-grupp sar jaf aktar lil xulxin u nbnew ħbiberija ġodda.

Il-qofol ta' l-attivitajiet intlaħaq meta l-grupp niżel Malta għal tlitt ijiem f'Awwissu. Dawn il-jiem kien fihom bilanċ bejn diskussjonijiet b'tema reliġjuża, bħall-Kelma ta' Alla' u divertiment. Fuq kollox matulu wieħed tgħallem l-aktar ħaġa bażika: dik li jgħix ma' ħaddieħor fl-istess kamra bl-elementi pożittivi u negattivi kollha. Wieħed seta' jistenna ċertu kunflitti li, iżda, bi ftit paċenzja u konsiderazzjoni ssolvew f'ħin qasir.

Matul dan il-*"live-in"* barra Daniel kien hemm ukoll Francesco Pio Attard, u f'ċerti mumenti l-arċipriet Mons. Pawl Cardona, li għenu biex din l-attività setgħet issir mingħajr l-ebda diffikultà.

Il-kummenti tal-grupp kienu kollha ta' ringrazzjament u apprezzament, b'mod partikulari għal Daniel Grech, li kien ilu jsegwi dan il-grupp mill-bidu u li għamel min kollox biex jara dan il-grupp jikber u jkun wieħed magħqud.

# Ħamsin sena mill-mewt ta' Piju XII

**Rev. Geoffrey George Attard** – geoffreygeorge@hotmail.com

Il-papa Piju XII, imwieled Eugenio Maria Giuseppe Giovanni Pacelli, twieled f'Ruma nhar it-2 ta' Marzu 1876 minn familja ta' ġuristi. Studja fl-Università Gregorjana, fil-Kulleġġ *Capranica* maġenb il-Partenon u fl-Istitut *San Apollinare* ta' Ruma. Ordna saċerdot f'April 1899 u wara għallem il-liġi internazzjonali fl-Akkademja tan-Nobbli Ekkleżjastiċi. Benedittu XV ħatru nunzju għal Munich u arċisqof titulari ta' Sardis f'April 1917, u fl-1920 għażlu nunzju għar-repubblika l-ġdida Ġermaniża. Għal xi żmien kien l-id il-leminija tas-Segretarju ta' l-Istat, il-kardinal Gasparri. Ingħata l-berettin kardinalizju nhar is-16 ta' Diċembru 1929 u kien involut f'diversi konkordati importanti. Taħt it-theddida tat-Tieni Gwerra Dinjija huwa ntgħażel bħala papa waqt konklavi qasir nhar it-2 ta' Marzu 1939. Ħadem kemm felaħ biex l-akbar għadd ta' Lhud possibbli jeħilsu minn mewt ċerta f'idejn in-Nażisti li ħakmu lill-belt tiegħu ta' Ruma. Ippubblika enċikliċi importanti, speċjalment il-*Mystici corporis Christi* fuq in-natura tal-Knisja bħala Ġisem ta' Kristu u d-*Divino afflante spiritu* fuq il-metodi użati mill-eseġeti ta' l-Iskrittura. Ipproklama d-domma ta' l-Assunta fl-1 ta' Novembru 1950 bil-bulla *Munificentissimus Deus* u ħareġ l-*Humani generis* f'Awwissu 1950. Imma għall-poplu Għawdxi l-papa Piju XII jibqa' mfakkar bħala dak il-papa li għolla l-parroċċa tal-belt antika tagħhom għad-dinjità ta' bażilika nhar is-6 ta' Settembru 1958 permezz tal-bulla storika *Merito dilaudatur templum.* Dakinhar il-papa Piju XII issiġilla darba għal dejjem bis-setgħa leġittima tiegħu ta' kap suprem tal-Knisja Kattolika u b'ittri tad-deheb il-pożizzjoni singulari tal-parroċċa ta' San Ġorġ tal-"Ħaġar" ta' Għawdex bħala l-ewwel parroċċa-bażilika f'Għawdex. Il-*"basilica"* ta' żmien ir-Rumani kienet ġiet inkurunata bil-bażilika: titlu li Ruma Pontifiċja biss tista' tagħti. Ta' min jgħid li ftit iktar minn xahar wara din id-data, jiġifieri nhar id-9 ta' Ottubru, tħabbret il-mewt tal-"Papa Anġeliku"; fil-bażilika l-ġdida ta' San Ġorġ intrema t-tabru li kien jitqiegħed biss nhar il-mewt tal-Vigarju ta' Kristu, waqt li l-festi kollha tal-bażilika l-ġdida ġew posposti għal Jannar ta' wara. Din is-sena nfakkru mela mhux biss il-ħamsin sena tal-bażilika Ġorġjana, l-ewlenija ta' Għawdex, imma wkoll nofs seklu mill-mewt ta' papa kbir, l-aħħar papa ta' demm nobbli li kellha l-Knisja Kattolika.



*It-tabru solenni fl-okkażjoni tal-mewt tal-papa Piju XII, armat fil-bażilika għal quddiesa funebri li saret fit-12 ta' Ottubru 1958.*

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Nittama li tinsabu tajbin. Issa għaddew il-festi, għaddew il-vaganzi u mill-ġdid ilkoll tinsabu lura fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Imma għalkemm għaddew il-festi, aħna fil-parroċċa qed nagħmlu festa oħra: it-tifkira ta' meta ħamsin sena ilu l-papa Piju XII kien għamel lill-knisja tagħna Bażilika. Dan huwa ġieħ li jingħata lil dawk il-knejjes li dejjem taw servizz kontinwu lill-parruċċani tagħhom u li għandhom storja qadima u prestiġjuża. Biex infakkar din l-okkażjoni jien ktibt ukoll poeżija, li naħseb rajtuha x'imkien. Tinsewx li l-miktub jibqa' waqt li l-kliem itir. Ħafna minnkom għadhom żgħar u żgur li ħamsin sena oħra jkunu għadhom ħajjin u jieħdu sehem fil-festi li għad isiru biex ifakkru l-mitt sena tal-Bażilika. Min hu bħali żgur li ma jkunx hawn; nittamaw li nkunu qegħdin ingawdu lil San Ġorġ fil-glorja tal-ġenna! Tinsewx li fil-parroċċa tagħna għandna festa oħra għażiża, dik ta' San Mikiel Arkanġlu li fakkarnieh lejn tmiem ix-xahar ta' Settembru!

Intant, nittama li issa drajtu l-ambjent ta' l-iskola u li diġà middejtu għonqkom għall-ħajja ta' l-istudju. Importanti li tistudjaw, għax dak li titgħallmu l-lum tibqgħu tiftakruh fil-ġejjieni u jiswielkom għall-ħajja. Kif dejjem ngħidilkom, tikkuntentawx ruħkom biss bil-kotba ta' l-iskola, imma sibu ħin morru sal-librerija u ssellfu xi ktieb "extra" li importanti taqrawh u mhux tirritornawh bla ma tkunu ftaħtuh.



Bla dubju min imur il-*Museum*, l-Oratorju *Don Bosco*, jew il-*Legion*, inkella f'xi għaqda oħra, għandu jara li ma jitlifx il-laqgħa għal xejn b'xejn. Dawn il-laqgħat huma importanti wkoll biex tkomplu tiffurmaw ruħkom u titħejjew, ħafna minnkom, għas-sagrament tal-Griżma. Naf li wħud minnkom imorru wkoll xi lezzjonijiet tal-Privat. Min hu bil-għaqal ilaħħaq ma' kollox u jsib ħin ukoll biex jilgħab ma' sħabu, għax anki l-logħob huwa importanti. M'hemmx għalfejn ngħidilkom biex ma titilfux il-Quddiesa u t-tqarbina, u t-talba tar-Rużarju li għal ħafna minnkom tkun it-tmiem tal-ġurnata. Kemm hi ħaġa sabiħa li tispiċċa l-ġurnata b'xi ħaġa hekk!

Naħseb li indunajtu li issa ninsabu fl-istaġun tal-Ħarifa meta s-siġar iwaqqgħu l-weraq u l-kampanja tibda tbiddel il-libsa tagħha. Jibda jitfaċċa xi ftit tal-beraq u xi bexxa xita ma tonqosx! Tinsewx x'jgħid il-qawl Malti: li wara l-beraq jiġi l-meraq! L-arja wkoll tibda tiffriska u bil-mod nibdew resqin ukoll lejn il-festi għeżież ta' l-Erwieħ u tal-qaddisin kollha; u allura jkollkom ukoll il-*mid-term holidays*. Naħseb li kulħadd jieħu gost bihom! Jekk imbagħad inħarsu iktar 'il quddiem malajr insibu ma' wiċċna l-festa ta' Kristu Re u wara l-festa tal-Kunċizzjoni... u dritt wara l-festa tal-Milied. X'ferħ!

Għal-lum daqshekk. Mela waħħlu moħħkom hemm għax iż-żmien jitgerbeb u jaħrab bla ma nindunaw, u ż-żmien mitluf ma jiġix lura.

*Iz-Ziju Joe*

## Ħamsin sena Bażilika

**Kav. Joe M. Attard** – emarjos@hotmail.com

Din il-knisja għażiża tagħna
qegħdа tagħlaq il-"ħamsin"
mindu dlonk saret Bażilika –
biha aħna wisq kburin!

Din tinsab eżatt fiċ-ċentru
tagħna kollha l-beltin,
u l-bidu tagħha mbiegħed
imur lura ħafna snin.

Kif mill-bieb tidħol 'il ġewwa
jittrijonfa t-titular
illi l-Preti ta lil Għawdex –
xogħol mill-iprem u mill-kbar!

Qabel, iżda, issib jilqgħek
bieb tal-bronż sabiħ mhux ftit,
donnu jrid joħroġ ikellmek
San Ġorġ fuq żiemel għafrid!

It-tribuna tal-Bernini
imponenti, għaġeb kbir:
kull min sab ruħu quddiemha
kellu biss kliem ta' tifħir!



U l-artist Taljan "ta' l-anġli"
mela l-knisja bil-pittura,
seba' għajnejn trid biex tifliha
u bil-għaqal kollha ddurha!

Mastru Pawlu Azzopardi
fl-injam naqqax statwa kbira –
San Ġorġ il-Megalomartri:
tagħna lkoll dan l-aqwa mira!

Irħam fin jiksi dat-tempju
ġawhra sbejħa ta' l-Għawdxin;
l-hena jġib u l-ferħ inissel
fil-Maltin u l-barranin.

Kienet għażla bil-wisq f'postha
dik tal-Papa Piju Tnax:
"Lil San Ġorġ nagħmluh Bażil'ka,
tgħaddi m'ngħajru ma tistax!".

Ħalli mmela ħbieb nifirħu
b'dan l-unur tant prestiġjuż
illi ngħata 'l Ġorġi tagħna,
it-tribun tant kuraġġjuż!

Lilu nissuktaw nitolbu
biex iriegi 'l Għawdex tagħna:
San Ġorġ, itfa' ħarstek fuqna,
titwarrabx mument minn magħna!

Meta l-Ħadd fl-għaxija toħroġ
kburi ddur mat-toroq tagħna
fuqna sawwab mitt elf grazzja,
ibqa' għal dejjem indukrana!

# Qaddisin "Ġorġjani" (17)

*Kitbu fuq il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu.*

**Antoine Vassallo** – vasanti@waldonet.net.mt

## Il-beatu George Napper

(tifkira liturġika fid-9 ta' Novembru)

Fost il-martri Ingliżi tas-sbatax-il seklu li bdejt nagħti ħjiel fuqhom fin-numru 15 tas-sensiela, dan hu fost l-iktar li għad hemm devozzjoni lejh: fil-fatt għadhom isiru pellegrinaġġi (u ċelebrazzjonijiet oħra) f'inħawi marbutin miegħu.

George (li xi dokumenti jġibu kunjomu bħala Napier) twieled qrib il-belt Ingliża ta' Oxford fl-1550 (l-istess belt li fiha kellu jispiċċa martri). Missieru (li jingħad li kien jismu George ukoll) kien fit-tmexxija ta' wieħed mill-kulleġġi ta' l-Università (u għalliem) waqt li l-kardinal William Peyto kien iz-ziju ta' ommu. Dan il-kardinal Franġiskan (magħruf ukoll bħala Peto jew Petow) kien persunaġġ magħruf ieħor li sofra minħabba li ried jibqa' Kattoliku mal-Papa. Il-pronepputi daħal l-Università (*Corpus Christi College*) fl-1565 iżda tkeċċa għax ma riedx jipparteċipa fil-funzjonijiet taċ-*Church of England*. Fl-1579 żar il-Kulleġġ Ingliż fil-belt Franċiża ta' Rheims u ġie arrestat lejn l-aħħar tas-sena ta' wara. Wara snin il-ħabs fl-aħħar aċċetta s-supremazija rjali (bil-bidla ta' xi żewġ kelmiet) u ġie meħlus fl-1589. Iżda sogħob bih ta' dan u ma setax isib il-paċi qabel ma beda t-triq għas-saċerdozju. Fl-1596 daħal jistudja fil-Kulleġġ Ingliż ta' Douai fil-Fjandri ("seminarju" mwaqqaf apposta mill-kardinal Allen fi żmien il-persekuzzjonijiet) u ntbagħat missjunarju lura f'pajjiżu fl-1603.



Nafu li kien jgħaddi ħinu jdur bil-mixi minn post għall-ieħor fir-reġjun biex jaqdi sagramentalment u b'kull mezz ieħor lil dawk li baqgħu Kattoliċi bil-moħbi. X'aktarx li kien jgħix fil-palazz tal-familja ma' ħuh William (li allura kien qiegħed jissogra bis-sħiħ). Iżda kixfu xi ħadd u ma' sbiħ id-19 ta' Lulju 1610 inħakem fir-raħal ta' Kirtlington b'pissidi b'żewġ ostji (u relikwarju ċkejken); arrestawh u ntbagħat il-Kastell ta' Oxford, akkużat bid-delitt li kien qassis Kattoliku (għax ma riedx jaċċetta l-offerta li għamillu l-imħallef li jiċħad li kien irċieva l-ordinazzjoni). L-iktar minħabba ż-żejt tal-Griżma li sabulu fuqu (anki kellu brevjar) ġie ddikjarat ħati. U ngħaddlu ta' aggravanti l-fatt li baqa' jaqdi lill-ħabsin sħabu, b'għajnuna materjali bħal jagħtihom mill-ikel li jmissu u b'għajnuna spiritwali: ngħidu aħna qarar kriminal ikkundannat biex seta' jmut fil-paċi ma' Alla hu u jiddikjara lilu nnifsu Kattoliku. Anzi lil dawk li kienu jixluh offra li jagħtihom is-sagrament lilhom ukoll! Kien jidher li Dun Ġorġ sa "jeħlisha" billi jeżiljawh iżda baqa' jirrifjuta li jieħu l-ġurament li s-setgħa tal-Papa hi "duttrina falza u eretika". Minħabba l-ħafna kuntatti li kellha din il-familja, saru diversi sforzi (jingħad saħansitra mas-sultan stess) biex tinħafirlu l-kundanna; iżda kien kollu għalxejn.

Għalhekk wasal għall-martirju aħrax (li kien jinkludi li ġismu jitqatta' biċċiet) fil-belt ta' twelidu fid-9 ta' Novembru 1610, ftit sigħat wara li ċċelebra l-aħħar quddiesa tiegħu. Qabel temm ħajtu talab pubblikament għas-sultan Ġakbu, is-suċċessur tas-sultana Eliżabetta (li kienet bdiet din il-persekuzzjoni). Skond dokumentazzjoni li waslitilna bosta mill-folla wrew simpatija lejh u ppruvaw inaqqsulu mit-tbatija. Saħansitra ngħad li din l-eżekuzzjoni kienet l-iktar ġrajja trawmatika għall-inħawi f'dawk is-snin: skond id-drawwa inumana ta' dak iż-żmien, rasu u l-partijiet ta' ġismu tpoġġew għall-wiri f'partijiet differenti tal-belt bħala theddida qawwija lil min jitħajjar jikser il-liġi. Iżda xi relikwi minnu nġabru u ndifen f'kappella privata fil-qrib (parti minn *Sandford Manor* tal-familja Kattolika Powell): qabel kienet tintuża minn komunità tat-Templari u anki mill-Ospidalieri, u wara disgrazzjatament serviet ta' maqjel.

Il-papa Piju XI għadd lil dan il-martri mal-beati fl-1929.

## ARKIVJAR TA' MATERJAL QADIM FUQ IL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

L-uffiċċju parrokkjali ta' San Ġorġ bħalissa għaddej fuq ħidma intensiva biex jaġġorna l-arkivju ta' ritratti tiegħu. Għalhekk ġentilment nitolbu lil dawk kollha li għandhom xi ritratti jew materjal ieħor storiku b'rabta mal-parroċċa ta' San Ġorġ, speċjalment mal-ġrajjiet tal-bażilika, biex jikkuntattjaw l-uffiċċju parrokkjali jew jibagħtuhomlna email fuq ilbeltvictoria@gmail.com. Kull materjal li jiġi msellef lilna nidħlu responsabbli li ngħadduh lura lill-proprjetarju fi żmien ġimgħa. Nirringrazzjawkom ta' l-interess tagħkom, għax bl-għajnuna li tistgħu toffrulna ħafna materjal imprezzabbli fuq l-istorja tal-parroċċa tagħna jista' jkollu aċċess għalih kulħadd.



# Xi tfakkar s'issa

## fiċ-Ċinkwantenarju tal-Bażilika Ġorġjana



Kif issa l-qarrejja ta' din ir-rivista żgur li jafu tajjeb, is-sena 2008 hi waħda speċjali fil-ħajja tal-parroċċa ta' San Ġorġ għax tulha qed tfakkar il-ħamsin anniversarju minn meta l-papa Piju XII, fl-1958, taha l-ġieħ ta' bażilika, biex għamilha l-ewwel parroċċa f'Għawdex b'dan it-titlu. Din il-ġrajja storika qed titfakkar b'sensiela ta' attivitajiet speċjali, inawgurata fit-22 ta' April 2008, waqt il-Velja tal-festa liturġika ta' San Ġorġ.

Is-Sibt 6 ta' Settembru 2008 l-anniversarju ta' l-iffirmar f'Castel Gandolfo tad-digriet *Merito dilaudatur templum* tfakkar b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-arċipriet Mons. Pawlu Cardona fil-bażilika, bis-sehem tal-kor *Laudate Pueri*, li fi tmiemha xxandar mill-ġdid id-dokument tat-twaqqif tal-bażilika. Il-kopja oriġinali ta' din il-bulla, li tinsab miżmuma b'għożża fl-arkivji parrokkjali, kienet esebita fil-korsija prinċipali tal-bażilika tul il-jum kollu kif ukoll l-għada l-Ħadd, bi traduzzjoni għall-Malti maġenbha li għamlitha iktar faċli għall-pubbliku li jaqra u jifhem il-kliem sabiħ tagħha.

It-tieni kommemorazzjoni kienet dik tal-5 ta' Ottubru 2008. Ħamsin sena ilu f'dan il-jum, li, bħal dakinhar, ħabat il-Ħadd, l-arċipriet Mons. Mikiel Cefai kien ħabbar uffiċjalment il-wasla tal-bażilika, skond ma kien ikkomunikalu l-isqof Mons. Ġużeppi Pace, lill-ġemgħa miġbura fil-bażilika wara nofsinhar. Il-qniepen, l-isparar u t-twaħħil tas-salib il-ġdid mal-faċċata għamlu din l-aħbar sabiħa pubblika għal Għawdex kollu. Din id-darba biex tfakkar dan il-jum il-parroċċa ta' San Ġorġ, f'kollaborazzjoni mal-*Maltapost plc*, ħarġet kartolina u timbru kommemorattivi li nbiegħu lill-pubbliku fin-nofstanhar ta' filgħodu mill-uffiċċju parrokkjali. It-timbru nħadem minn Anton Grech fuq id-disinn tal-logo uffiċjali tal-festi ċinkwantenarji, u l-inizjattiva twettqet bl-għajnuna wkoll tal-*Gozo Philathelic Society*. **Wieħed għadu jista' jikseb kopja tas-sett ta' żewġ kartolini bit-timbru kommemorattiv mill-uffiċċju parrokkjali, għall-prezz ta' €5.**

Fiż-żewġ każi ttellgħu programmi speċjali fuq l-istazzjon parrokkjali *Leħen il-Belt Victoria*, fosthom żewġ programmi esklussivi ta' Francesco Pio Attard b'intervisti u tagħrif storiku. L-istess ġara fuq il-media lokali, fejn ġurnali prominenti bħal *The Times, In-Nazzjon, Leħen is-Sewwa* u *Il-Ġens Illum* taw tagħrif fuq l-anniversarju, kif għamlu websajts ġurnalistiċi fosthom dik parrokkjali *www.stgeorge.org.mt* u dik tas-Soċjetà *La Stella*. F'*The Sunday Times* tal-Ħadd 28 ta' Settembru 2008 deher artiklu storiku ta' George Francis Vella bl-isem *St George's "Basilica": the legacy of a glorious Christian past*, waqt li f'*Il-Mument* tal-Ħadd 12 ta' Ottubru ġie ppubblikat *Meta "San Ġorġ" ta' Għawdex sar bażilika* ta' Francesco Pio Attard.

Bla dubju ma setax jonqos li ż-żewġ anniversarji ġew imfakkra wkoll b'moti solenni mill-qniepen tal-bażilika u l-bnadar fuq il-bjut. Għax-xhur li ġejjin hemm imħejjija wkoll wirja storika fil-bażilika u xi konferenzi. Dawk kollha li għandhom xi tagħrif, materjal kif ukoll ritratti storiċi tal-bażilika ta' San Ġorġ, huma mitluba jikkuntattjaw l-uffiċċju parrokkjali.




**Fil-ħarġa li jmiss**




